MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2014

Numru. 584/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jason Sultana)**

**vs**

**Omissis**

**Brandon Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Omissis u Brandon Pace ta’ 19 –il sena, bin Silvio (Saviour) u Lisa nee’ Grima, imwieled Pieta’ fil-

15/05/1995, residenti Block J, Flat 5, Housing Estate, Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 211095M.

Akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u t-19 ta’ Gunju 2014 f’ diversi hinijiet f’ dawn il-gzejjer assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’ Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt ta’ serq li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija kif ukoll kien komplici ma persuna jew persuni ohra f’ delitt ta’ serq u ghen jew assista lill-istess persuna jew persuni fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat u dan bi ksur ta’ Artikolu 48A u 42 ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi kkommettew serq ta’ flus kontanti u sigaretti ta’ valur li jeccedi € 2329.37, minn gewwa il-hanut bl- isem ta’ College Style, Triq J. Borg, Msida liema serq huwa kwalifikat, bil-Mezz, bil-Valur, u bil-Hin ghad-detriment ta’ Anna Ciancio, detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 587263(M) u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-artikolu 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 280(2), 281(b) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akwistata b’ reat, u/jew xjentement b’ kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta’ Artikolu 334(a) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lill Omissis wahdu akkuzat;

3. Talli ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, moghtija mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D. nhar l-14/03/2014;

Finalment, akkuzat ukoll, talli fl-20 ta’ Gunju, 2014 u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

4. Meta l-indirizz fuq il-karta ta’ l-identita’ ta’ l-imputata ma baqax iktar validu jew, xort’ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, hija naqset milli tirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess karta ta’ l-identita’ mhux korretta lil, u li taghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija, l-imsemmija omissis u Brandon Pace jhallsu lil parti offiza dak l-ammont ta flus li jista’ jigi stabbilit mill-Qorti f’ dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti

jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Gunju, 2014 ghal ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni qablet li 'l iktar piena idoneja tkun piena karcerarja sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 280(2), 281(1)(b) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 24(2)(b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lil imputat Brandon Pace hati tal-ewwel (1) u tar-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ tliet (3) snin millum. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------